

Brussell, 12 ta' Mejju 2026
(OR. en, pt)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0297 (COD)

8836/26
ADD 3

CODEC 853
POLCOM 166
SPG 4

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 (**l-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
= Dikjarazzjoni

Il-Portugal talab li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Il-Portugall jirrikonoxxi l-importanza tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi bħala strument ewlieni tal-politika kummerċjali u tal-iżvilupp tal-UE. L-adozzjoni tar-Regolament SĠP il-ġdid hija għalhekk prijorità għalina.

Madankollu, il-ftehim milħuq mal-Parlament Ewropew ma jindirizzax bis-sħiħ it-tħassib espress ripetutament mill-Portugall matul il-proċess ta' negozjati rigward il-mekkaniżmu awtomatiku ta' salvagwardja għar-ross.

Għall-Portugall, il-parametri miftiehma għall-mekkaniżmu ta' salvagwardja għadhom insuffiċjenti biex jiżguraw il-protezzjoni effettiva ta' settur li, għall-Portugall, bħal fil-każ ta' Stati Membri oħra, huwa strutturalment vulnerabbli u partikolarment sensittiv.

Il-Portugall għalhekk jieħu nota tal-ftehim milħuq dwar il-mekkaniżmu ta' salvagwardja, iżda mhuxwix f'pożizzjoni li jappoġġa l-proposta għal regolament fil-formulazzjoni attwali tagħha u ser ikollu jastjeni meta tintbagħat għall-approvazzjoni tal-Kunsill.